2 ta' Mejju 2018
53/2018

# ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MMEXXIJA MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA MATUL MEJJU 2018

It-Tlieta 1 ta' Mejju, fl-10:30 a.m., l-Arċisqof Charles J. Scicluna jiċċelebra Quddiesa li matulha jagħti l-pussess lil Dun Mark Mallia Pawley bħala l-Arċipriet il-ġdid tal-Parroċċa Santa Marija, Ħad-Dingli. Fis-6:30 p.m. Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li matulha jagħti l-pussess lil Patri Publius Mair OFM Cap. bħala l-Kappillan il-ġdid tal-Parroċċa Marija Reġina, il-Marsa.

Il-Ħamis 3 ta' Mejju, fl-10:30 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa ma' grupp ta' pazjenti u voluntiera ta' St Michael's Hospice fil-Knisja Parrokkjali, l-Iklin.

Il-Ġimgħa 4 ta' Mejju, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li matulha jagħti l-pussess lil Dun Norman Zammit bħala l-Arċipriet il-ġdid tal-Parroċċa Santa Marija, il-Gudja.

Il-Sibt 5 ta' Mejju, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Safi fil-bidu tal-Viżta Pastorali f'din il-parroċċa. Qabel il-Quddiesa, Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Qrar.

Il-Ħadd 6 ta' Mejju, fl-10:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Qrar u jiċċelebra Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Safi bħala parti mill-Viżta Pastorali f'din il-parroċċa.

It-Tlieta 8 ta' Mejju, festa tal-Madonna ta' Pompej, f'12:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jitlob s-Supplika tal-Madonna ta' Pompej u jagħti l-Barka Sagramentali, fil-Knisja tal-Ġiżwiti, il-Belt Valletta. Fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof imexxi pellegrinaġġ u fis-7:00 p.m. jiċċelebra Quddiesa fil-pjazza quddiem il-Knisja tal-Madonna ta' Pompej, Marsaxlokk.

L-Erbgħa 9 ta' Mejju, fid-9:30 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Kulleġġ San Injazju, tal-Ħandaq, fl-okkażjoni tal-10 anniversarju mit-twaqqif tal-iskola. Fis-7:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-festa ta' San Ġorġ Preca, fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Venera.

Is-Sibt 12 ta’ Mejju, fil-5:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa mal-Għaqda Eks studenti Liceo (A.L.P.S.) fil-kappella ta’ Sant’Anna fil-Wied tal-Pwales, San Pawl il-Baħar.

Il-Ġimgħa 18 ta’ Mejju, fis-7:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adolexxenti fil-Parroċċa Santa Marija, l-Imġarr.

Is-Sibt 19 ta’ Mejju, fl-10:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adolexxenti fil-Parroċċa tal-Immakulata Omm il-Knisja, l-Ibraġ. Fil-5:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa ta’ ringrazzjament ma’ Richmond Foundation f’għeluq il-25 anniversarju mit-twaqqif tagħhom, fil-Konkatidral ta’ San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f’Malta. Fis-7:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adolexxenti tal-Parroċċa San Girgor il-Kbir u l-Parroċċa Stella Maris, fil-Knisja Parrokkjali ta’ Stella Maris, tas-Sliema.

Il-Ħadd 20 ta’ Mejju, fid-9:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fis-Solennità ta’ Għid il-Ħamsin fis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu, il-Belt Valletta, li fiha jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adolexxenti tal-Parroċċi tal-Belt u l-Parroċċa ta’ Ġesù Nazzarenu, Tas-Sliema. Fil-5:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adolexxenti fis-Santwarju tal-Ħniena Divina, in-Naxxar.

Il-Ġimgħa 25 ta’ Mejju, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li matulha jagħti l-pussess lil Dun Christopher Ellul bħala l-Arċipriet il-ġdid tal-Parroċċa Marija Annunzjata, Ħal Tarxien.

Is-Sibt 26 ta’ Mejju, fl-10:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adolexxenti tal-iskola San Anton, fis-Santwarju tal-Ħniena Divina, in-Naxxar. Fl-4:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adolexxenti fil-Parroċċa San Franġisk ta’ Assisi, il-Qawra.

Il-Ħadd 27 ta’ Mejju, fid-9:30 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi fil-bidu tal-Viżta Pastorali f’din il-parroċċa. Matul il-Quddiesa, Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta’ Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana, FRN 1520

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**